Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,117, 19 ta' Settembru, 2023
Taqsima B

A.L. 219 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D. – ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "r-regolamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. (i) Ir-regolamenti 3 u 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

(ii) Ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika għall-istudenti li jirreġistraw għall-Grad tal-Baċellerat f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "li jkunu għaddew mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti" jew "li jkunu għaddew mis-SEC fil-Malti" għandhom jidħlu l-kliem "li jkunu għaddew mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti bi Grad 5 jew aħjar".

4. Is-sottoparagrafu (k) li ġej għandu jiżdied wara s-sottoparagrafu (j) tal-paragrafu (4)(i) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"(k) il-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar fil-Physics, Medical Physics and Radiation Protection; u"

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Fi tmiem it-2 Sena tal-Kors biss, l-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet-studju kollha tal-ewwel sentejn tal-Kors (il-Parti Preklinika) b'marka medja ta' mill-inqas 70% f'kull waħda mill-ewwel sentejn tal-Kors, ikunu eliġibbli biex japplikaw biex jidħlu fil-Kors li jwassal għall-Grad tal-Baċellerat. L-istudenti li jonqsu milli jtemmu taqsima/taqsimiet-studju li tista'/jistgħu tiġi/jiġu assessjata/i biss matul is-sena akkademika, u għalhekk l-ebda sessjoni supplimentari ma tkun possibbli, jew l-istudenti li ma jkunux jistgħu jiġu assessjati f'din it-taqsima/taqsimiet-studju għal raġuni li s-Senat iqis bħala valida għandhom jitħallew ikomplu kondizzjonalment għall-Grad tal-Baċellerat. Dawn l-istudenti jkunu meħtieġa li jtemmu b'suċċess kwalunkwe taqsima/taqsimiet-studju li tkun/ikunu ġiet/ġew riferuta/i matul is-sena intercalated."